# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1092

KAZ NRU. 1225

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Attard

u

Philip Toledo Limited

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum: 21 ta' Jannar 2000

**Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

**INTRODUZZJONI**

Illi b'ittra datata 25 ta' Frar, 1998, l-appellant kiteb lill-Onor. Ministru tal-Harsien Socjali sabiex iressaq il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal ghat-temm obbligatorju taghha, liema kaz gie rimess b'ittra datata 3 ta' Marzu, 1998, ghad-decizjoni tieghu.

**DIKJARAZZJONI TAL-KAZ**

Illi l-appellant isostni li huwa tkecca minghajr raguni valida, u dana wara incident li kellu mal-mara ta' wiehed mid-diretturi tas-socjeta' li kien impjegat maghha. Dana qallu biex ma jersaqx ghax-xoghol, ghalkemm b'mod definit. Huwa ma nghatax l-opportunita' li jerga' lura ghax-xoghol. Anzi meta wara jumejn ma kellu l-ebda kuntatt, ikkonsidraha bhala tkeccija u sab xoghol iehor immedjatament.

Illi da parti taghha, is-socjeta' intimata eccepiet illi fl-ebda mument hija ma tterminat l-impjieg tal-haddiem taghha. Anzi, kien l-istess appellant illi abbanduna l-impjieg tieghu minn maghha. Dana anki wara li kitbitlu biex jirritorna ghax-xoghol.

**PROVI**

L-incident li ta lok ghal proceduri odjerni ssuccieda fis-27 ta' Jannar, 1998. Huwa kellu argument mal-mara ta' wiehed mid-diretturi, dana affrontah u qallu sabiex ma jersaqx ghax-xoghol. Huwa kkunsidraha bhala tkeccija, u wara jumejn, meta ma kien sar l-ebda kuntatt mieghu, sab xoghol alternattiv. Il-kuntatt li kellu wara mad-direttur l-iehor kien semplicement biex jirritornalu c-cellulari u jara kif ser jiftehmu fuq kumpens.

Dwar dan l-incident, hemm qbil ukoll min naha tar-rapprezentanti tas-socjeta' intimata, ossia Albert Rossi, Raphael Toledo u Frederick Gingell. Rossi pero' mar oltre minn hekk. Sabiex jigu kkalmati l-ilmijiet, qallu biex jaghmel ix-xoghol mid-dar, aktar tard intalbet apologija bil-miktub - haga li l-appellant ghamilha ghalkemm hass li kien gustifkat fl-agir tieghu - Iltaqa' mieghu izjed tard, talbu biex jirritorna ghax-xoghol, u di fatti nkitbet ittra datata 6 ta' Frar, 1998, l-appellant baqa' inadempjenti, u ghalhekk gie kkonsidrat li abbanduna l-post tal-impjieg tieghu minn maghhom.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi t-Tribunal jirrileva 'ab initio' illi dan il-kaz qatt ma kellu jasal ghal konsiderazzjoni tieghu, li kieku ma kienx ghat-testardagni, suppervja, nuqqas ta' kommunikazzjoni u ta' rispett reciproku. Huwa ferm inkwetanti li certi persuni ta' certa maturita sia personali u sia kummercjali, persuni li kien ilhom jafu lil xulxin ghal tmintax (18) il-sena, mhux ma kenux kapaci, izda kienu nkapaci li jaffrontaw lil xulxin, jizvutaw b'mod apert u matur in-nuqqas ta' qbil bejniethom u jirripristinaw ir-relazzjoni antecedenti taghom. L-azzjonijiet taghhom jirriflettu l-insensitivita' reciproka ghal prestazzjonijiet, xewqat, tbatija jew aspirazzjonijiet li ppruvaw mhux jiddefendu, izda li jergghu jasseruhom mill-gdid.

Agixxew ta' principjanti, qishom tnejn li hadu ghalihom, ma riedux icedu ghax inkella jiccekknu jew jigu akkuzati li kien gifa. Is-suppervja pprevaliet fuq il-bon sens u sens komun - kien jispetta li t-tnejn li huma li jaghtu lezzjoni lill-parti l-ohra fil-kamp ta' maturita' lavorattiva umana u ta' relazzjoni li taf taghder u tifhem minghajr ma tnaqqas mill-gieh u/jew rispett li suppost kien hemm vigenti bejniethom. It-Tribunal jawgura lilu nnifsu li ma jergax ikollu l-opportunita' li jittratta kaz simili li ma jaghmilx ghajb ghal min kien protagonist fih.

*Detto tutto questo*, it-Tribunal jirreferi ghal famuza ittra tas-6 ta' Frar, 1998. Hija cara, semplici u awto-spjegatorja. L-appellant fix-xhieda tieghu in kontro-ezami fis-seduta tad-9 t'April, 1999, qal testwalment, "....... illi dik l-ittra hadtha bhala offiza, ghax ghal bniedem illi jigi kkunsidrat li abbanduna x-xoghol, ghalija hija offiza, l-iktar minghand min iffirmaha." Relattivament ghall-ittra ta' apologija datata 28 ta' Jannar, 1998, huwa stqarr li, ".......ippretendejt li dakinhar stess fl-ghaxija jcemplu, isma' minn dak li ghidna ma gara xejn, qisu qatt ma gara xejn. Jiena kont ili nahdem maghhom u kont nokkupa certu posizzjoni u kelli nerga' nidhol ghax-xoghol b'mod normali." Hawn *si spjega tutto*. L-appellant ha ghalih ghal mod kif gie trattat, l-ewwel l-incident fil-car park barra l-lukanda, u t-tieni baqghu iebsin mieghu li l-anqas kellmuh. Ippretenda li kellhom jaqghu ghalih. It-trattament

lilu koncess ma kienx wiehed idoneu w opportun fic-cirkostanzi.

Illi fil-konfront tas-socjeta' intimata, ir-reazzjoni taghha ghad-diskors bejn l-appellant u l-mara ta' wiehed mid-diretturi, gie esagerat u ngrandit inutilment. L-effett kien sproporzjonat ghal kawza. Kien incident li kulhadd seta' jghaddi minghajru. Ma kienx relatat mal-espressjoni lavorattiva u/jew komportament tieghu in konnessjoni mal-esekuzzjoni proprja tad-doveri tieghu. Wara kollox, kien qed jikkura l-immagini tal-kumpanija li kien jahdem maghhom f'ghajnejn klijenti attwali u prospettivi taghha, anki esteri.

Illi t-Tribunal jiskanta bin-nuqqas anzi inesistenza ta' rapprocement bejniethom. Persuni li joperaw f'dinja ta' komunikazzjoni u teknologija avvanzata, ma kienux sintonizzati u/jew sinkronizzati biex jaqbdu cellulari u jkellmu lil xulxin, imqar ma riedux li jisimghu lehen xulxin, jibghatu messagg tramite posta elettronika.

Illi l-fatt li fl-1 ta' Frar, 1998, ga kellu mpjieg alternattiv jista' wkoll jitfa' xi dawl luminanti fuq il-materja in dezamina. L-appellant ma kellux xi impjieg ordinarju. Kien xoghol specjalizzat, f'materja modernissima, ta' responsabbilta' kapacita' u ta' kondizzjonijiet ta' xoghol, inkluz ir-remunerazzjoni u beneficcji ancillari li jgieghlu li

min ikun li jorghok ghajnejh sew qabel ma jiehu decizjoni u alterazzjoni. L-incident u l-impjieg il-gdid huwa wisq ferm xulxin biex ma jitfghux dell fuqhom. Forsi kien qed jistenna l-okkazzjoni propizia sabiex jiehu d-decizjoni sabiex jitlaq u jibda mal-principal il-gdid.

Illi oltre dan, gie ripetutament ritenut minn dan it-tribunal illi l-avviz tat-terminazzjoni da parti tal-principal ghandu jkun car, limpidu, li ma jhalli l-ebda dubju fuq is-sinjifika tieghu. Fil-kaz in ezami, dana ma jirrizulta minn imkien, sia fl-istadju inizjali u sia waqt it-trattazzjoni tal-kaz. Anzi pjuttost wiehed jista' jallega li x-xewqa tal-principal kienet il-kuntrarju, cioe' tawh l-ghazla jekk riedx jahdem maghhom jew le. Ir-risposta tieghu kienet fin-negattiv. Ghandu unikament jirrispondi hu u jerfa' r-responsabbilta' kollha ghall-agir tieghu. Jigi ribadit illi fl-origini tal-vertenza jista' wiehed isib x'jiccensura fl-operat tal-kumpanija, pero' finalment id-decijoni hadha l-istess appellant.

**KONKLUZJONI**

Illi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara illi kien l-istess appellant li abbanduna l-impjieg tieghu minn mas-socjeta' intimata, u mhux li tkecca ghal xi raguni gusta jew mhix, da parti taghha.

B'hekk din il-kwistjoni ta' xoghol giet definittivament terminata.

Relattivament ghat-tassazzjoni tad-drittijiet tal-konsulenti tal-partijiet, dawn qed jigu ntaxxati fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm25).

**Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**
**CHAIRMAN**